

Opinjoni tal-Kumitat konsultattiv dwar il-konċentrazzjonijiet mogħtija fil-138 laqgħa tiegħu fit-13 ta' Marzu 2006 dwar Abbozz ta' Deċiżjoni fir-rigward tal-Każ COMP/M.3975 — Cargill/Degussa

(2007/C 290/07)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-operazzjoni notifikata tikkostitwixxi konċentrazzjoni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet.
 2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-operazzjoni notifikata għandha dimensjoni Komunitarja skond kif definit fl-Artikolu 1 tar-Regolament dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet.
 3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mad-definizzjoni tal-Kummissjoni tas-swieq tal-prodott rilevanti li tinsab fl-Abbozz tad-Deċiżjoni.
 4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mad-definizzjoni tal-Kummissjoni tas-swieq ġeografiċi rilevanti li tinsab fl-Abbozz tad-Deċiżjoni.
 5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-veduta tal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni proposta ma tostakolax b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu.
 6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-operazzjoni għandha tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq komuni u l-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE.
 7. Il-Kumitat Konsultattiv jitlob lill-Kummissjoni tqis il-punti l-oħra kollha li tqajmu waqt id-diskussjoni.
-